# Karta numru **6**



## 1. Kompli s-sentenzi b'aġġettiv. Eż: aħdar <u>ħaxix</u>.

{Agħżel minn dawn: *Salamun, stanga, ċomb, dlam, waħx, nar*}

1. Ftit 'il barra mir-raħal fejn noqgħod, minħabba l-garaxxijiet tax-xogħol, l-ambjent tal-madwar sar ikrah ____________________ .
2. Hemm wied ħelu fil-qrib, imma xi għaref ______________ sikwit jitfa' ġo fih iż-żibel kollu li jkollu.
3. Biż-żejt li ħareġ mill-karrozza l-art saret sewda __________________ .
4. Fl-eqqel tax-xemx tas-sajf, l-art kienet taħraq _________________ .
5. X'uħud mill-imbarazz li ntefa' ġol-wied kien tqil _______________ allura ma stajniex innaddfuh aħna l-istudenti meta organizzajna Jum l-Indafa Pubblika.
6. Xi ħadd tefa' ramel u siment li issa sar iebes _________________ u biex inneħħuh hemm bżonn ta' xi gaffa.

## 2. PRONOMI – Ikteb kelma waħda flok dawk fil-brakits.



1. Għandna dejjem inpoġġu (il-moħħ tagħna) _________________ hemm u noqogħdu attenti għal dak li nkunu ser nagħmlu.
2. Għandna nibżgħu għal (ir-ras tagħna) __________________ u għalhekk anke meta nsuqu r-rota, għandna dejjem nilbsu *crash helmet*.
3. (Il-ġisem tagħna) ___________________ għandna nżommuh dejjem nadif.
4. (Is-saħħa tagħna) __________________ nieħdu ħsiebha meta nagħmlu eżerċizzju xieraq u mhux meta nitgħażżnu għal ħinijiet twal quddiem xi televixin jew kompjuter.
5. (Id-djar tagħna) _________________ nagħmlu sew li nieħdu ħsiebhom imma barra t-triq tagħna wkoll u għalhekk m'għandniex inħammġuh.
6. Għandna nkunu dejjem nies ta' (is-saqajn tagħna) _______________________ mal-art u nkunu prattiċi f'dak li ngħidu n nagħmlu.


© tony pace uffiċjal edukattiv